

Brussell, 3 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13003/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0313(NLE)

ECOFIN 945
UEM 237
FIN 1007

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 509 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ċeka biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 509 final.

Mehmuż: COM(2022) 509 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.10.2022
COM(2022) 509 final

2022/0313 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ċeka biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 (“ir-Regolament SURE”) jistabbilixxi l-qafas legali biex tingħata assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw tfixkil ekonomiku gravi bħala kawża tat-tifqigħa tal-COVID-19, jew li jkunu mhedda serjament minn tali tfixkil. L-appoġġ skont SURE jservi għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jiproteġu lill-impjegati u lil dawk li jaħdmu għal rashom u b'hekk jitnaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tal-introjtu, kif ukoll għall-finanzjament, bħala anċillari, ta' xi miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Fis-7 ta' Awwissu 2020, iċ-Ċekja talbet assistenza finanzjarja mingħand l-Unjoni u fil-25 ta' Settembru 2020, bid-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345 tiegħu, il-Kunsill ta' assistenza finanzjarja liċ-Ċekja bl-għan li jikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom.

Fit-22 ta' Settembru 2022, iċ-Ċekja reġgħet talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni bis-saħħa tar-Regolament SURE.

F'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet Ċeki biex tivverifika ż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa effettiva u ppjanata relatata direttament mal-miżuri tas-suq tax-xogħol taċ-Ċekja kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, dan jirrigwarda miżuri eżistenti msemmija fid-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345:

- (a) l-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar magħrufa bħala l-Programm “Antivirus”. Il-programm tfassal biex jikkompensa parzjalment il-kostijiet tal-pagi tal-impjegaturi privati li kellhom jissospendu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-attività ekonomika tagħhom bħala konsegwenza diretta tal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet (l-Għażla “A”), jew indirettament minħabba l-effetti ekonomiċi negattivi tal-pandemija (Għażla “B”), pereżempju impjegati li ma jistgħux jaħdmu minħabba restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. L-Għażla “A plus” ġiet introdotta f'Ottubru 2020 sabiex tipprovdi kumpens sħiħ għall-kostijiet tal-pagi lill-impjegaturi mġiegħla jissospendu jew inaqqsu l-attività tagħhom minħabba miżuri meħuda mill-awtoritajiet. Kien hemm diversi estensjonijiet tal-programm u s-sottoprogrammi tiegħu. L-Għażla “A” kienet attiva mit-12 ta' Marzu 2020 sat-28 ta' Frar 2022, l-Għażla “A plus” mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Mejju 2021 u l-Għażla “B” mit-12 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Mejju 2021 u mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021.
- (b) il-miżuri li jagħtu appoġġ kumpensatorju fil-forma ta' bonusijiet tat-taxxa għal dawk li jaħdmu għal rashom. L-ewwel waħda, il-Programm “Pětadvacítka”, jipprovdi lil dawk li jaħdmu għal rashom b'bonus ta' kumpens ta' CZK 500 fil-forma ta' bonus tat-taxxa għal kull jum kalendarju tal-perjodu ta' bonus għal kull persuna lil dawk li ġew imġiegħla jissospendu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-attività ekonomika tagħhom lil hinn mill-volatilità normali tan-negozju minħabba r-riskji tas-saħħa pubblika tal-COVID-19 jew il-miżuri ta' kriżi meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi. “Pětadvacítka” kienet attiva mit-12 ta' Marzu 2020 sat-8 ta' Ġunju 2020. Il-“bonus kumpensatorju tal-ħarifa” kien estensjoni *de facto* b'bidliet parametriċi għall-

programm “Pětadvacítka”, li dam mill-5 ta’ Ottubru 2020 sal-15 ta’ Frar 2021 u pprovda bonus tat-taxxa ta’ CZK 500 għal kull jum kalendarju għal dawk li jaħdmu għal rashom sfurzati jissospendu jew inaqqsu b’mod sinifikanti l-attività ekonomika tagħhom minħabba riskji għas-saħħa pubblika jew miżuri ta’ kriżi meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi. Il-programm “bonus kumpensatorju ġdid għall-2021” ippropona żieda fl-appoġġ għal CZK 1000 kuljum għal kull persuna u dam mill-1 ta’ Frar 2021 sal-31 ta’ Mejju 2021. L-aħħar bonus kumpensatorju għal dawk li jaħdmu għal rashom li ammonta wkoll għal 1000 CZK kuljum, imsejjaħ il-“bonus kumpensatorju għall-2022”, dam mit-22 ta’ Novembru 2021 sal-31 ta’ Jannar 2022.

- (c) ir-“Rinunzja parzjali tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa dovuti minn dawk li jaħdmu għal rashom” li jkomplu fl-attività tagħhom matul l-għoti ta’ appoġġ kienet skema li taħtha l-Istat jassumi l-ħlas tal-kontribuzzjoni korrispondenti dovuta kull xahar minn Marzu sa Awwissu 2020. Filwaqt li l-programm intemm f’Awwissu 2020, kellhom jitħallsu ammonti addizzjonali fl-2021 minħabba saldi relatati ma’ pagamenti bil-quddiem imħallsa minn dawk li jaħdmu għal rashom fl-2020.
- (d) L-“Allowance għall-kura” għal dawk li jaħdmu għal rashom tikkumpensa t-telf ta’ dħul imġarrab minn dawk li jaħdmu għal rashom bħala konsegwenza tal-ħtieġa li jieħdu ħsieb it-tfal jew persuni dipendenti mill-kura minħabba l-għeluq ta’ faċilitajiet ta’ kura tat-tfal u dawk tal-kura soċjali. L-ammont ta’ appoġġ ta’ kuljum kien ta’ CZK 424 għal Marzu 2020 u CZK 500 għal April sa Ġunju 2020. Wara dan ġie estiż għal CZK 400 għall-perjodu minn Ottubru 2020 sa Mejju 2021.

Iċ-Ċekja pprovdi l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni.

Wara li qieset l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill biex jadotta Deċizzjoni ta’ Implimentazzjoni biex tingħata assistenza finanzjarja liċ-Ċekja bis-saħħa tar-Regolament SURE b’ appoġġ għall-miżuri ta’ hawn fuq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Din il-proposta hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li l-proposta qed issir bis-saħħa tiegħu.

Din il-proposta qed issir apparti strument ieħor tad-dritt tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f’każ ta’ emerġenzi, jigiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta’ Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) (“ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002”). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri u biex jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta’ Marzu 2020.

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta’ miżuri żviluppata b’ reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-“Inizjattiva ta’ Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus”, u tikkomplementa strumenti oħrajn li jappoġġaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)/InvestEU. Bl-użu ta’ għoti u teħid b’self f’dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta’ difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b’hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġa ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jiproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u telf ta' introjtu.

Tali appoġġ se jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt dirett fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija kkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Din ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bl-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja taħt l-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istat Membru, hemm salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għall-ġestjoni finanzjarja;
- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġi żgurat li jistgħu jingħataw riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- Possibbiltajiet ta' riportament tad-dejn.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ċeka biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara talba mingħand iċ-Ċekja fis-7 ta' Awwissu 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345², ta assistenza finanzjarja liċ-Ċekja fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 2 000 000 000 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, u b'perjodu ta' disponibbiltà ta' 18-il xahar, bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali taċ-Ċekja biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.
- (2) Is-self kellu jintuża miċ-Ċekja biex jiġu ffinanzjati l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345.
- (3) It-tifqigħa tal-COVID-19 qed tkompli tipparalizza parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol fiċ-Ċekja. Dan wassal għal żieda f'daqqa u qawwija fin-nefqa pubblika fiċ-Ċekja fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 (a) (c) (d) (e) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345.
- (4) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implimentati miċ-Ċekja fl-2020, fl-2021 u fl-2022 biex titrażżan dik it-tifqigħa u l-impatt soċjoekonomiku u l-impatt marbut mas-saħħa tagħha kellhom u għadu qed ikollhom impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi. Fl-2020, iċ-Ċekja kellha defiċit u dejn tal-gvern estiż ta' 5,8 % u 37,7 % tal-prodott domestiku gross (PDG), rispettivament, li kibru għal 5,9 % u 41,9 % rispettivament fi tmiem l-2021. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, iċ-Ċekja hija prevista jkollha defiċit u dejn tal-gvern estiż ta' 4,3 % u

¹ ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ċeka biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 314, 29.9.2020, p. 17.

42,8 % tal-PDG, rispettivament, sa tmiem l-2022. Skont il-previżjoni interim tas-sajf tal-2022 tal-Kummissjoni, il-PDG taċ-Ċekja huwa projettat li jiżdied bi 2,3 % fl-2022.

- (5) Fit-22 ta' Settembru 2022, iċ-Ċekja talbet assistenza finanzjarja ulterjuri mill-Unjoni fl-ammont ta' EUR 2 500 000 000 bil-ħsieb li tkompli tikkumplimenta l-isforzi nazzjonali tagħha li wettqet fl-2020, fl-2021 u l-2022 biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom. B'mod partikolari, iċ-Ċekja kompliet testendi u temenda skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili ppreżentati fil-premessi minn 6 sa 9.
- (6) L-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar magħrufa bħala l-Programm "Antivirus", kif imsemmi fl-Artikolu 3(a) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345, tfasslet biex tikkumpensa l-kostijiet tal-pagi tal-impjegaturi privati li kellhom jissospendu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-attività ekonomika tagħhom bħala konsegwenza diretta tal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet (l-Għażla "A"), jew indirettament minħabba l-effetti ekonomiċi negattivi tal-pandemija (l-Għażla "B"). Hija kellha bħala l-bażi legali tagħha r-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 353 tal-31 ta' Marzu 2020, kif emendata, u l-Artikolu 120 tal-Att Nru 435/2004 Coll³, dwar l-impjegi, kif emendat. Il-programm ġie estiż u emendat bl-Għażla "A plus" permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 1039 tal-14 ta' Ottubru 2020 sabiex jipprovdi kumpens sħiħ tal-kostijiet tal-pagi lil min iħaddem imġiegħel jissospendi jew inaqqas l-attività tiegħu minħabba miżuri meħuda mill-awtoritajiet. Il-programm ġie estiż ukoll permezz ta' diversi deċiżjonijiet tal-gvern, bl-Għażla "A" tkun attiva mit-12 ta' Marzu 2020 sat-28 ta' Frar 2022, l-Għażla "A plus" mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Mejju 2021 u l-Għażla "B" mit-12 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Mejju 2021 u mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021.
- (7) L-ewwel bonus kumpensatorju għal dawk li jaħdmu għal rashom, l-hekk imsejjaħ Programm "Pětadvacítka", kif imsemmi fl-Artikolu 3(c) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345, introdott bil- "Liġi Nru 159/2020 Coll."⁴, ipprovda lil dawk li jaħdmu għal rashom li ġew imġiegħla jissospendu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-attività ekonomika tagħhom lil hinn mill-volatilità normali tan-negożju minħabba r-riskji tas-saħħa pubblika tal-COVID-19 jew il-miżuri ta' kriżi meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi b'bonus ta' kumpens ta' CZK 500 għal kull jum kalendarju għal kull persuna. "Pětadvacítka" kienet attiva mit-12 ta' Marzu 2020 sat-8 ta' Ġunju 2020. Introdott bil-Liġi Nru 461/2020 Coll.⁵, l-emenda sussegwenti tagħha, il-programm "bonus kumpensatorju tal-ħarifa" dam mill-5 ta' Ottubru 2020 sal-15 ta' Frar 2021 u pprovda bonus tat-taxxa ta' CZK 500 għal kull jum kalendarju għal dawk li jaħdmu għal rashom sfurzati jissospendu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-attività ekonomika tagħhom minħabba riskji għas-saħħa pubblika jew miżuri ta' kriżi meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi. Il-Liġi Nru 95/2021 Coll.⁶ u r-riżoluzzjonijiet tal-Gvern

³ Il-Liġi Nru 435/2004 Coll. l-Att dwar l-impjegi, kif emendat, ippubblikat fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 143 mit-23 ta' Lulju 2004

⁴ Il-Liġi Nru 159/2020 Coll. dwar bonus ta' kumpens relatat ma' miżuri ta' kriżi marbuta mal-inċidenza tal-coronavirus tas-SARS CoV-2, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 59 tal-14 ta' April 2020.

⁵ Il-Liġi Nru 461/2020 Coll. dwar bonus ta' kumpens b'rabta mal-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni ta' attivitajiet kummerċjali relatati mal-okkorrenza tal-coronavirus tas-SARS CoV-2, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 189 tat-13 ta' Novembru 2020.

⁶ Il-Liġi Nru 95/2021 Coll. dwar bonus ta' kumpens għall-2021, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 38 tas-26 ta' Frar 2021.

relatati (Nru 154/2021⁷ u 188/2021⁸) introduċew emenda oħra, imsejħa l-“bonus kumpensatorju ġdid għall-2021” li kien attiv mill-1 ta’ Frar 2021 sal-31 ta’ Mejju 2021 u li żied l-ammont tal-bonus tat-taxxa għal CZK 1000 kuljum. L-aħħar emenda ta’ dan il-bonus kumpensatorju għal dawk li jaħdmu għal rashom, il-“bonus kumpensatorju għall-2022”, introdott mil-Liġi Nru 519/2021 Coll.⁹, ammonta wkoll għal 1000 CZK kuljum u dam għaddej mit-22 ta’ Novembru 2021 sal-31 ta’ Jannar 2022.

- (8) L-eżenzjoni parzjali tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa dovuti minn dawk li jaħdmu għal rashom, kif imsemmi fl-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345, kellha bħala bażi ġuridika l-“Liġi Nru 136/2020 Coll.”¹⁰ (għas-sigurtà soċjali) u l-“Liġi Nru 134/2020 Coll.”¹¹ (għas-sigurtà tas-saħħa); L-Istat assumu l-ħlas tal-kontribuzzjoni korrispondenti dovuta kull xahar minn Marzu sa Awwissu 2020 tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa dovuti minn dawk li jaħdmu għal rashom. Filwaqt li l-programm intemm f’Awwissu 2020, kellhom jitħallsu ammonti addizzjonali fl-2021 minħabba saldi relatati ma’ pagamenti bil-quddiem imħallsa minn dawk li jaħdmu għal rashom fl-2020. Il-miżura tikkonsisti fi dħul mitluf għall-Gvern, li għall-fini tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/672 jista’ jitqies ekwivalenti għan-nefqa pubblika.
- (9) L-“Allowance għall-kura” għal dawk li jaħdmu għal rashom, kif imsemmi fl-Artikolu 3(e) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345, kellha bħala bażi ġuridika r-Riżoluzzjonijiet tal-Gvern Nru 262 tad-19 ta’ Marzu 2020¹², Nru 311 tas-26 ta’ Marzu 2020, Nru 354 tal-31 ta’ Marzu 2020, Nru 514 tal-4 ta’ Mejju 2020, Nru 552 tat-18 ta’ Mejju 2020, Nru 1053 tas-16 ta’ Ottubru 2020, Nru 1260 tat-30 ta’ Novembru 2020 u Nru 446 tal-10 ta’ Mejju 2021 u l-Artikolu 14 tal-Att Nru 218/2000 Coll¹³. dwar ir-regoli baġitarji, kif emendat, li japplika għal dawk li jaħdmu għal rashom fil-produzzjoni primarja agrikola u tal-forestrija, u l-Artikolu 3 punt (h) tal-Liġi Nru 47/2002 Coll¹⁴, kif emendata, dwar appoġġ għall-SMEs, li japplika għal dawk kollha li jaħdmu għal rashom. Dak il-programm jikkumpensa t-telf ta’ dħul imġarrab minn dawkli jaħdmu għal rashom bħala konsegwenza tal-ħtieġa li jieħdu ħsieb it-tfal jew persuni dipendenti mill-kura minħabba l-għeluq ta’ faċilitajiet ta’ kura tat-tfal u dawk soċjali. L-ammont ta’ appoġġ ta’ kuljum huwa ta’ CZK 424 għal Marzu 2020 u CZK 500 għal perjodu ta’ April sa Ġunju 2020. Il-programm ġie estiż

⁷ Ir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 154/2021 Coll. dwar il-Bonus ta’ Kumpens għall-2021, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 60 tal-31 ta’ Marzu 2021.

⁸ Ir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 188/2021 Coll. dwar id-determinazzjoni tal-perjodu ta’ bonus li jmiss tal-bonus ta’ kumpens għall-2021, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 79 tas-7 ta’ Mejju 2021.

⁹ Il-Liġi Nru 519/2021 Coll. dwar bonus ta’ kumpens għall-2022, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 226 tat-23 ta’ Diċembru 2021.

¹⁰ Il-Liġi Nru 136/2020 Coll. dwar ċerti aġġustamenti fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-kontribuzzjonijiet għall-polza tal-assigurazzjoni tal-impjieġ u tal-pensjoni tal-istat b’rabta ma’ miżuri ta’ emerġenza matul l-epidemija fl-2020, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 48 tas-27 ta’ Marzu 2020.

¹¹ Il-Liġi Nru 134/2020 Coll. li temenda l-Liġi Nru 592/1992 Coll., dwar il-primjums tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 48 tas-27 ta’ Marzu 2020.

¹² Ir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 262/2020 Coll. dwar l-adozzjoni ta’ miżura ta’ kriżi, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 42 tad-19 ta’ Marzu 2020.

¹³ Il-Liġi Nru 218/2000 Coll. dwar ir-regoli baġitarji, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 65 tal-21 ta’ Lulju 2000.

¹⁴ Il-Liġi Nru 47/2002 Coll. dwar l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, kif emendata, ippubblikata fil-Kollezzjoni tal-liġijiet numru 20 tat-8 ta’ Frar 2002.

għall-perjodu minn Ottubru 2020 sa Mejju 2021 meta pprova appoġġ ta' kuljum ta' CZK 400.

- (10) Iċ-Ċekja tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta' assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Iċ-Ċekja pprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u pplanata żdiedet b'EUR 5 349 588 352 mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali meħuda biex jiġu indirizzati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Din tikkostitwixxi żieda f'daqqa u qawwija minħabba li hija relatata ma' estensjoni ta' miżuri nazzjonali eżistenti dwar l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili li jkopru proporzjon sinifikanti ta' impriżi u tal-forza tax-xogħol fiċ-Ċekja. Iċ-Ċekja beħsiebha tiffinanzja EUR 215 333 982 tal-ammont miżjud tan-nefqa permezz tal-fondi tal-Unjoni mill-baġit tal-UE u EUR 634 254 370 permezz tal-finanzjament tagħha stess.
- (11) Il-Kummissjoni kkonsultat liċ-Ċekja u vverifikat iż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika reali u pplanata direttament relatata mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif imsemmija fit-talba tat-22 ta' Settembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (12) Għalhekk jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li iċ-Ċekja tiġi meġhuna tindirizza l-effetti soċjoekonomiċi tat-taqlib ekonomiku gravi kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-maturitajiet, il-qies u r-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali u tal-partijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.
- (13) Minħabba li l-perjodu ta' disponibbiltà indikat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345 skada, huwa meħtieġ perjodu ta' disponibbiltà ġdid għall-assistenza finanzjarja addizzjonali. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-assistenza finanzjarja ta' 18-il xahar mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345 jenħtieġ li jiġi estiż b'21 xahar u b'konsegwenza ta' dan il-perjodu ta' disponibbiltà totali jenħtieġ li jkun ta' 39 xahar mill-ewwel jum wara li tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345.
- (14) Jenħtieġ li iċ-Ċekja u l-Kummissjoni jqisu din id-Deċiżjoni fil-ftehim dwar is-self imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (15) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettaq, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (16) Jenħtieġ li iċ-Ċekja tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari bl-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika pplanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn iċ-Ċekja tkun implimentat dik in-nefqa.
- (17) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u mistennija taċ-Ċekja, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħrajn, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1345 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli self liċ-Ċekja li jammonta għal massimu ta' EUR 4 500 000 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-għajjnuna finanzjarja mogħtija b'din id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 39-il xahar li jibdew mill-ewwel jum wara li din id-Deċiżjoni ssir effettiva.”

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-ewwel ħlas parzjali għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672. Kwalunkwe ħlas parzjali sussegwenti għandu jiġi rilaxxat f'konformità mat-termini ta' dak il-ftehim ta' self jew, fejn rilevanti, ikun soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' addendum għal dan, jew ta' ftehim ta' self emendat.” konkluż bejn iċ-Ċekja u l-Kummissjoni li jissostitwixxi l-ftehim ta' self oriġinali.”;

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Iċ-Ċekja tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

(a) il-Programm “Antivirus” kif previst fir-“Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 353 tal-31 ta' Marzu 2020”, kif emendata, li l-bażi legali tagħha huwa l-Artikolu 120 tal-“Liġi Nru 435/2004 Coll., dwar l-impjiegi”, kif emendata u estiża bir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 1039 tal-14 ta' Ottubru 2020 u b'diversi deċiżjonijiet tal-gvern;

(b) l-Għażla C tal-Programm “Antivirus”, kif prevista fil-“Liġi Nru 300/2020 Coll.”;

(c) il-Programm “Pětadvacítka”, il-bonus ta' kumpens għal dawk li jaħdmu għal rashom, kif previst fil-“Liġi Nru 159/2020 Coll.”, kif emendata bil-“bonus kumpensatorju tal-ħarifa” kif previst bil-“Liġi Nru 461/2020 Coll.”, il-“bonus kumpensatorju l-ġdid għall-2021” kif previst bil-“Liġi Nru 95/2021 Coll.” u r-“Riżoluzzjonijiet tal-Gvern Nru 154/2021 u 188/2021” relatati u l-“bonus kumpensatorju għall-2022” kif previst bil-“Liġi Nru 519/2021 Coll.”;

(d) l-eżenzjoni parzjali tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa dovuti minn dawk li jaħdmu għal rashom, kif previst fil-“Liġi Nru 136/2020 Coll.” (għas-sigurtà soċjali) u l-“Liġi Nru 134/2020 Coll.” (għas-sigurtà tas-saħħa);

(e) l-“Allowance għall-kura” għal dawk li jaħdmu għal rashom, kif previst fir-
“Riżoluzzjonijiet tal-Gvern Nru 262 tad-19 ta’ Marzu 2020, Nru 311 tas-26 ta’
Marzu 2020, Nru 354 tal-31 ta’ Marzu 2020, Nru 514 tal-4 ta’ Mejju 2020, Nru 552
tat-18 ta’ Mejju 2020”, u kif l-aħħar emendati u estiżi bir-“Riżoluzzjoni tal-Gvern
Nru 446 tal-10 ta’ Mejju 2021”, u l-Artikolu 14 tal-“Liġi Nru 218/2000 Coll.” dwar
ir-regoli baġitarji, kif emendata, li tapplika għal dawk li jaħdmu għal rashom fil-
produzzjoni primarja agrikola u tal-forestrija, u l-Artikolu 3 punt (h) tal-“Liġi Nru
47/2002 Koll.” dwar l-appoġġ lill-SMEs, kif emendata, li tapplika għall-ħaddiema
għal rashom l-oħra kollha.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*